**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 7 ta' Novembru, 2018**

Numru 1

**Rikors Guramentat Nru. 1056/2017**

**Pauline sive Lina Ciarlo', Carmela sive Annie Ciarlo',**
**Alfred Ciarlo', Kanonku John Ciarlo', Marina Gatt,**
**Joanne sive Joanna Curmi u Maria Dolores sive Doriette Abela**
**vs**

**Dr Christopher Chircop u P.L. Hilda Ellul Mercer**
**kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi**
**tal-assenti Nancy Norton ta' 7519 Highway 33, Bath,**
**Ontario, Kanada KOH 1GO nominati**
**b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-20 ta' Novembru, 2017 li jghid hekk:

Dikjarazzjoni tal-oggett tal-kawza

1. Permezz ta' testment li jgib id-data tat-13 ta' Novembru 2014 in atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon, id-defunt Vincent Ciarlo' iddispona minn gidu billi, fost ohrajn, halla b'titolu ta' legat lii martu Nancy Norton, illum intimata, sehemu, u cioe nofs indiviz, tal-fond ossia appartament gewwa Toronto, il-Kanada; dan il-legat kien soggett, taht sanzjoni ta' dekadenza, ghall-kundizzjoni illi l-imsemmija martu, fi zmien sitt (6) xhur mill-mewt tieghu, titrasferixxi lir-rikorrenti sehemha mill-fond, ossija appartament numru 13, fi blokk appartamenti bl-entrata enumerata 21 u 24, Tigne Sea Front, Sliema flimkien mal-parkegg gewwa l-garaxx sottostanti l-istess blokk.

2. Permezz ta' legat iehor imholli fl-istess testment surriferit, Vincent Ciarlo' halla lir-rikorrenti l-assjem tal-fond, ossija appartament numru 13, fi blokk appartamenti bl-entrata enumerata 21 u 24, Tigne' Sea Front, Sliema flimkien mal-parkegg gewwa l-

garaxx sottostanti l-istess blokk; iddikjara wkoll li kien konxju li dan il-fond kien gie akkwistat fil-kors taz-zwieg tieghu mal-intimata.

3. Permezz tat-testment sopracitat Vincent Ciarlo' inoltre innomina lill-atturi eredi unversali tieghu.

4. Kif jidher mill-uzu tal-kelma "estranged" fit-testment sopracitat, kien jezisti dissest matrimonjali serju bejn id-defunt Vincent Ciarlo' u l-intimata; tant illi l-legati imhollija lill-intimata gew hekk imhollija "in full and final settlement of any right the said Nancy Ciarlo' might have against his estate."

5. Permezz ta' testment iehor li jgib id-data tal-5 ta' Dicembru 2014 ukoll in atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon, id-defunt Vincent Ciarlo', filwaqt li kkonferma d-dispozizzjonijiet testamentarji precedenti tieghu, immodifika l-legat imholli fl-ewwel premessa ta' dan ir-rikors billi specifika li l-legat imholli lil martu Nancy Norton, kien dak ta' sehemu, u cioe nofs indiviz, tal-fond ossia dar gewwa 36, Clockwork Lane, Etobicoke, Toronto, Ontario, Kanada (M844H5). Il-kundizzjoniji marbuta ma' dan il-laxxitu giet konfermata.

6. Vincent Ciarlo' miet gewwa Malta fil-21 ta' Mejju 2016.

7. Mir-ricerki mwettqa mir-rikorrenti, dawn gew a konoxxenza tal-fatt illi fil-25 ta' Awwissu 2016, l-intimata pprocediet gewwa l-Kanada b'Survivor Application (Instrument No. AT4321506) biex b'hekk, illum hija l-uniku sid registrar tal-immobbli 36, Clockwork Lane, Etobicoke, Toronto, Ontario, Kanda (M844H5).

8. Interpellata tersaq, direttament jew tramite mandatarju, fuq l-att pubbliku relattiv ta' trasferiment tal-fond, ossija appartament numru 13, fi blokk appartamenti bl-entrata enumerata 21 u 24, Tigne' Sea Front, Sliema flimkien mal-parkegg gewwa l-garaxx sottostanti l-istess blokk skont ix-xewqat tad-defunt Vincent Ciarlo', l-intimata baqghet inadempjenti.

9. Ir-rikorrenti kollha inkluz Alfred Ciarlo' (K.I. nru. 297937M), jafu personalment b'dawn il-fatti kollha.

Raguni tat-talba
1. Ghar-ragunijiet premessi, kellhom jigu stitwiti dawn it-proceduri.

Talbiet
Tghid ghalhekk l-intimata 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa necessarja u opportuna:

1. tordna lill-intimata Nancy Norton, sabiex fi zmien qasir u perentorju prefiss lilha minn din l-Onorabbli Qorti, skont ix-xewqat tat-testatur Vincent Ciarlo' kif espressi fit-testmenti tieghu rispettivament datati 13 ta' Novembru 2014 u 5 ta' Dicembru 2014 it-tnejn in atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon, tersaq fuq att pubbliku ta' trasferiment favur ir-rikorrenti ta' sehemha mill-fond, ossija appartament numru 13, fi blokk appartamenti bl-entrata enumerata 21 u 24, Tigne' Sea Front, Sliema flimkien mal-parkegg gewwa l-garaxx sottostanti l-istess blokk;

2. tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' trasferiment skont it-talba precedenti f'jum, hin u lok ordnat minn din l-Onorabbli Qorti;

3. tahtar kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-intimata u skont it-talbiet precedenti jwettqu f'isimha t-trasferiment tal-fond, ossija appartament numru 13, fi blokk appartamenti bl-entrata enumerata 21 u 24, Tigne' Sea Front, Sliema flimkien mal-parkegg gewwa l-garaxx sottostanti l-istess blokk lir-rikorrenti f'kaz li din tonqos li tidher fuq l-istess att skont l-ordnijiet ta' din l-Onorabbli Qorti in akkoljiment tat-talbiet precedenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettant lir-rikorenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li tghid hekk:

1. IIli fl-ewwel lok l-esponenti jiddikjaraw li stante l-fatt li huma kienu notifikati b'din il-kawza jumejn qabel l-ewwel dehra, ghadha ma saret l-ebda komunikazzjoni bejnhom u bejn Nancy Norton u ghalhekk ghadhom mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghaldaqstant qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti u dan sabiex ikunu jistghu jressqu l-ahjar difiza ghan-nom ta' Nancy Norton;

2. Illi dwar il-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat illi huwa r-rikorrenti li ghandhom il-piz tal-prova u cioe illi jridu jkunu r-rikorrenti li perrnezz tal-provi mressqa minnhom jikkonvincu lil dina Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess rikorrenti qieghdin jaghmlu huma fondati;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorreni li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat l-atti u l-provi prodotti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn l-eredi ta' Vincent Ciarlo qed jitolbu lil Qorti iggieghel lil legatarja Nancy Norton, armla ta' Vincent Ciarlo sabiex tottempera ruhha ma' klawsola fit-testment ta' Vincent Ciarlo tal-5 ta' Dicembru 2014 redatt min Nutar Joseph Henry Saydon f'liema testament filwaqt li ikkonferma t-testment tieghu tat-13 ta' Novembru 2014 redatt mill-istess nutar biddel it-tieni artikolu tat-testment ta' Novembru 2014 u issostitwih bl-artikolu hawn riportat u cioe:

> "The testator hereby bequeaths by title of legacy in full and absolute ownership to his estranged wife Nancy Ciarlo' his one-half undivided share

of the house number thirty six (36), Clockwork Lane, Etobicoke, Toronto, Ontario, Canada M eighty four, four H five (M84 4H5) which house he owns in common with her in such a way that on his demise this house would be fully owned by the said Nancy Ciarlo. This legacy is being made subject to the obligation of the legatee Nancy Ciarlo' not later than six months from the day of the demise of the testator assigns by means of a public deed to be published in Malta by a Maltese Notary to the testator's sister and brothers namely Pauline otherwise Lina Ciarlo, Carmela otherwise Annie Ciarlo', Alfred Ciarlo', Canon John Ciarlo' and to his nieces Maria Carmela otherwise Marina Cart, Giorgina Anna Curmi otherwise Joanne and Maria Dolores otherwise Doriette Abela, all daughters of Mary Tabone, the apartment number thirteen (13), forming part of a block of apartments having a common entrance number twenty one (21) and twenty four (24), Tigne' Sea Front, Sliema and its basement-level parking space.
The testator orders that should the above-mentioned Nancy Ciarlo' fail to transfer the above-mentioned apartment at Sliema, Malta to the above-mentioned persons within the said six months from the day of death of the testator, she automaticallv forfeits all rights to the present legacy".

Jidher mill-provi prodotti illi l-konvenuta ma ottemperatx ruhha mal-obbligazzjoni hemm imsemmija imposta fuqha bhala l-korrispettiv biex hi tippercepixxi l-legat tan-nofs indiviz tal-fond 36 Clockwork Lane, Etobicoke, Toronto, Ontario, Canada.

Jirrizulta mill-ftit provi prodotti illi l-konjugi Vincent Ciarlo u Nancy Norton kienu mizzewgin fl-1990 u damu jghixu Malta ghal 12-il sena fejn xtraw il-proprjeta in kwistjoni. Marru lura l-Canada fl-2003. Skond l-affidavit ta' Nancy Norton zewgha gie lura Malta fl-2006 bla ma infurmaha li mhix ser jirritorna l-Canada. Ma jidhirx pero li l-konjugi qatt ifformalizzaw is-separazzjoni de facto, b'wahda de jure, jew sar xi divorzju jew annullament ghalkemm kienu inbdew xi proceduri. Waqt iz-zwieg u fiz-zmien li kienu domiciljati Malta inxtrat il-proprjeta mertu ta' din il-kawza u proprjeta ohra fil-Canada. Il-Qorti tqis li bejn il-partijiet a skans ta' prova kuntrarja kienet tezisti l-komunjoni tal-akkwisti.

Vincent Ciarlo miet fil-21 ta' Mejju 2016. Skont korrispondenza esebita (fol. 14 tal-process) Harry W. Zahoruk, solicitor f'Ontario kiteb lin-Nutar Saydon fil-15 ta' Settembru 2016 fejn infurmah li l-proprjeta fil-Canada ghaddiet kollha fuq Nancy Norton skont il-ligi Kandiza bhala l-armla ta' Vincent Ciarlo u fil-fatt giet registrata skont il-procedura legali f'Toronto l-Canada. Informa lin-Nutar Saydon li ghalkemm il-konjugi Ciarlo ma kienux separati legalment, kienu gia qasmu l-assi monetarji

taghhom amikevolment. Dwar din l-ahhar prova, Nancy Norton tikkonferma li l-assi monetarji inqasmu amikevolment bejnha u zewgha meta giet Malta fl-2008.

Bhala konsiderazzjonijiet legali li jinsorgu mit-talbiet attrici, hu inkontestat illi Vincnet Ciarlo kien domilicjat f'Malta meta miet u ghamel testament skont il-ligi Maltija. Il-proprjeta mertu tal-azzjoni tinsab hawn Malta. It-testment ghandu jinghata effett skont id-dispozizzjonijiet tal-ligi Maltija.

Qari tad-dispozizzjoni testamentarja relevanti juri illi t-testatur halla b'titolu ta' legat lil martu Nancy Norton in-nofs indiviz tal-fond fil-Canada proprjeta tieghu. Dan il-legat pero kien soggett ghal kondizzjoni li biex tippercepixxi l-legat kellha tassenja lil eredi, atturi fil-kawza, in-nofs indiviz tal-fond f'Malta, proprjeta taghha. Fin-nuqqas li dan isehh fi zmien sitt xhur il-legatarja titlef il-legat imholli.

L-artikolu 710 tal-Kap. 16 jistipula illi legat jista' jkun kondizzjonat. Skont l-artikolu 721(2) fejn il-legat hu kondizzjonat, il-legatarju ma jitqies li ippercepixxa l-legat sakemm il-kondizzjoni ma issehx. Ma hemm xejn fil-ligi li jipprojbixxi dak stipulat mit-testatur.

Il-Qorti taghmel distinzjoni bejn legat kondizzjonat cioe bhal dan il-kaz fejn hemm kundizzjoni rizoluttiva u dak modali cioe dispozizzjoni b'limitazzjoni jew piz. Dispozizzjoni modali timponi piz jew limitazjoni fuq il-legatarju fl-interess ta' terzi jew tal-istess testatur. Kfi ighid **Toullier**:

> Quando adunque il peso ha per iscopo l-interesse di un terzo, l'interesse di chi lo impone, o qualche considerazione estranea all'interesse di colui al quale è impostato, esso forma un modo, ovvero una causa finale e determinante; ciò che vale lo stesso in quanto all'effetto (Vol III, pag 488 u 489, para 508, Ediz Palermo, 1853).

Fil-fatt hu pacifiku fid-duttrina u gurisprudenza illi:

> "Magis pro modo quam pro conditione praesumendum est", ghaliex kif jossera **Gaio**: "Quod si cui in hoc legatum est, ut ex eo aliquid faceret, sub modo legatum videtur" (L 17, para 4, Digesto de Condit. Et Demonstrat; u Voet; u Kollez XXXIII, ii, 97; XXXV, ii, 443; XVIII, ii, 106).

Pero din il-Qorti hi proklina li tqis il-legat bhala wiehed konidzzjonali fis-sens guridiku a bazi tal-artikolu 1066 et seq. tal-Kap. 16 u mhux legat modali. Dan jinghad ghax it-testatur kien car fid-dispozizzjoni tieghu cioe li jekk il-legatarja ma tadempix mal-obbligu fuqha impost entro terminu stabbilit dak imholli lilha jitqies li ma sarx. Din il-Qorti diversament preseduta dahlet funditis fid-distinzjoni bejn modus u kondizzjoni fil-ligi Rumana u kif giet applikata fil-ligi moderna fil-kawza **Dr Mark Attard Montalto et vs Dr Michelle Tabone noe**, deciza fid-9 ta' April 2010 li ghalkemm il-mertu kien jirrigwarda donazzjoni pero l-principji hemm elenkati japplikaw bl-istess mod ghal kawza quddiem din il-Qorti.

Bla dubju l-legatarja ghandha kull jedd ma taccettax il-legat u ghalhekk ma tkunx obbligata twettaq l-obbligazzjoni imposta fuqha bhala kondizzjoni biex tippercepixxi l-legat. F'dan il-kaz il-legatarja kellha sitt xhur biex tottempera ruhha ma' dak impost fil-legat u fin-nuqqas hi tkun tilfet il-legat imholli. Nancy Norton ma ottemperatx mal-obbligazzjoni fi zmien sitt xhur u f'cirkostanzi normali l-legat kien jitqies li ma sarx. Pero l-legatarja hadet pussess legali tal-legat cioe n-nofs indiviz tal-proprjeta fil-Canada ghax il-ligi Kanadiza hekk kien jintitolaha bhala s-surviving spouse u 'joint tenant' kif specifika s-solicitor Kanadiz fl-ittra tieghu lin-Nutar Saydon. Il-Qorti tqis ghalhekk illi Nancy Norton ma tistax titqies li ma ippercepietx il-legat u l-Qorti issibha difficli jekk mhux impossibli li tinnegalha dan id-dritt f'dan l-istadju. Dan ma jfissirx pero li allura Nancy Norton tista' impunement tahrab mill-obbligazzjoni imposta fuqha fil-ligi Maltija li tonqos milli tadempixxi mal-obbligu li titrasferixxi s-sehem taghha mill-proprjeta Maltija lil eredi. Altrimenti l-volonta tat-testatur tkun qed tigi mcahhda u l-azzjoni ta' Nancy Norton tkun qed tirrasenta l-male fede. Del resto ma jistax jinghad li l-legat ma ghandu ebda effett ghax il-legatarja kienet gia proprjetarja tan-nofs indiviz tal-proprjeta fil-Canada billi dan in-nofs hi akkwistatu wara l-mewt ta' Vincent Ciarlo mhux qabel, skont il-ligi Maltija, cioe l-ligi li ghandha tigi osservata f'kaz ta' testament maghmul min persuna domiciljata f'Malta u dwar proprjeta f'Malta. Ghalhekk hi l-fehma tal-Qorti li Nancy Norton ghandha d-dmir li tottempera ruhha mal-kondizzjoni marbuta mal-legat fl-intier tieghu.

Ghalhekk il-Qorti tqis li t-talba hi gustifikata.

Il-Qorti tosserva li l-kuraturi eccepew li l-legat hu null u ma jiswiex. Huma ma spjegawx ir-raguni tan-nullita u l-Qorti gia qiset li ma hemm xejn fil-ligi Maltija li tipprojbixxi tali legat. Dan qed jinghad oltre l-impediment legali li Qorti ma tistax tikkonsidra li nullita ta' legat ma jistax jigi avvanzat b'eccezzjoni izda b'azzjoni appozita. Ziedu li l-atturi ma talbu ebda immissjoni fil-pussess. Din l-eccezzjoni ma fihiex sens. Il-kawza hi fiha nfisha talba ghat-trasferiment ta' proprjeta immobbli lil eredi mill-legatarju li gia jinsab fil-pussess fiziku u legali tal-legat imholli lilha bla ma ottemperat ruhha mal-kundizzjoni marbuta mal-legat. It-talba attrici fiha nfisha tinkorpora talba ghall-immissjoni fil-pussess.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi u tilqa' t-talbiet attrici b'dan li l-kuntratt ghandu jsir entro tlett xhur millum min Nutar Joseph Henry Saydon li ghandu jiehu hsieb kull dokumentazzjoni jew permess necessarju biex jigi pubblikat il-kuntratt. Il-kuraturi f'din il-kawza qed jigu nominati biex jidhru ghal kontumaci fuq il-kuntratt ta' trasferiment. Spejjez huma kollha a karigu tal-konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur